MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 209/2010

Kawza fil-lista: 40

**A C**
**vs**
**O F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta : li l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Marzu 2003 u li isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 22 ta' Settembru 2005 ; li l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, u / jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null ghal effetti kollha tal-ligi ;

ghalhekk, qed l-attur jitlob li dina l-Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fid-29 ta' Marzu 2003 huwa null u minghajr effett fil-ligi; bl-ispejjez ;

Rat li l-konvenuta, debitament ingunta ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fid-29 ta' Marza 2003 huwa null fil-ligi, *stante* li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet iz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewgu, wara gherusija ta' 3 snin, fid-29 ta' Marzu 2003, meta l-attur kellu 32 sena,u l-konvenuta kellha 23 sena, u *cioe* kien 9 snin akbar minnha ; wara sena u nofs twieldet tifla u sena wara kienu sseparaw bonarjament.

Minn dan iz-zwieg twieldet tarbija fit-2 ta' Frar 2004.

*Verzjoni attur*
L-attur jideskrivi lilu nnifsu bhala *fanatiku fuq il- futboll'* (folio 23 n 17) u jammetti li kien dixxiplinat ma' martu (Folio17) ; kellhom *'naqra dizgwid bejnietna'* li jattribwixxi ghax kien fanatiku fuq il-football, pero' jghid li hi kienet tohrog ma' habiba meta hu kien immur il-grawnd (Folio 24) u dana kien jigri anke qabel iz-zwieg ; jghid li hi kellha 23 sena u hu 32 sena u *'hi ggennet wara dan u qaltli biex nizzewgu…………….ghax kienet thobbni'* (folio 25) ; jiddiskrivija bhala tifla li baqghet l-istess ; kienet tbati minn burdati u kienet tiehu l-pilloli. Kien ikollhom argumenti

wkoll mal-familji rispettivi – hi kienet *close* m'ommha u ma' huha li kienu jghixu faccata taghhom u ommu wara li kienet accettat li jghixu maghha kellhom xi jghidu u keccitha; pero ir-relazzjonijiet ta' bejniethom kienu *'alright normali'* (folio 33) sakemm bdiet il-gwerra - waqfet milli ssajjarlu u tahsillu hwejjgu qaltlu li trid tissepara ghax xebghet tghix mieghu u wkoll ghax ma kienx jaghtiha bizzejjed flus peress li skont hu kienet tberrbaqhom u hi qatt ma hadmet u hu kien jaghmel anke *part-time.* Jghid li irrikorra ghall-annulament taz-zwieg tieghu ghax ma riedx jghix wahdu u biex ikollu min iddur bih meta l-genituri illum anzjani jigu nieqsa.

*Verzjoni konvenuta*
Il-konvenuta tiddeskrivi wkoll ir-relazzjoni matrimonjali ta' sentenjn u nofs bhala *'normali'* (Folio 41) u tammetti li kienu dejjem jargumentaw jew fuq il-football, jew ghax ma jtihiex bizzejjed flus jew ghax jigi fis-sakra '*qisu kull nhar ta' Hadd'* (Folio 44) ; ma kienetx tahdem,u kienet thossha injorata mill-attur li kien jidhol id-dar biex jiekol u jorqod, peress li wara l-hin tax-xoghol kien immur fuq id-delizzju tieghu - il-football ; hi kienet tmur ghand ommha, li kienet toqghod vicin, jew tohrog mall-habiba.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-assjem tal-provi l-Qorti tirravviza fil-konfront tal-attur l-ezistenza tal-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Il-provi juru li, ghalkemm dan kellu certu eta' meta zzewweg, huwa ma fehemx l-import tal-hajja matrimonjali. Jirrizulta li hu kien egojist u nsensittiv fil-konfront ta' martu, u ma kienx kapaci li jaqdi l-obbligu tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. L-egojizmu tieghu kien ta' mpediment serju f' dan ir-rigward ; bir-rizultat li, wara konvivenza matrimonjali qasira l-partijiet isseparaw de facto, u sentejn wara z-zwieg, iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni.

Inoltre, jigi osservat li l-fatt li l-partijiet jghidu li fil-bidu z-zwieg kien wiehed "normali", ma jimmilitax kontra l-konkluzjoni tal-Qorti, stante li huwa logiku li certu

komportament, anke abbuziv, jista' jigi accettat fil-bidu taz-zwieg, izda jsir intollerabbli fuq medda ta' zmien.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici ; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta' Marzu 2003.

L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------